# NICOLÒ ISOUARD - Pittura ġdida ta' Pawlu Camilleri Cauchi

### Kitba ta' Manwel D SCHEMBRI - Edukatur, Kittieb u Poeta



*NICOLÒ ISOUARD - pittura tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, inawgurata fil-15 t'Ottubru 2005, waqt il-Kunċert Gershwin u Tschaikowsky li sar fl-Università ta' Malta. Illum il-kwadru jinsab jiddomina s-Sala Miruzzi tal-Każin tas-Soċjetà Filarmonika li ġġib ismu.*

Kien fil-Kunċert kbir "GERSHWIN U TSCHAIKOWSKY" li tat is-Soċjetà Filarmonika tagħna nhar is-Sibt, 15 t'Ottubru 2005, fis-Sala Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta li l-President, is-sur Nazzareno Vassallo, kixef u nawgura l-pittura tal-Mużiċista u Kompożitur Malti **NICOLÒ ISOUARD** li tiegħu is-Soċjetà tagħna ġġib l-isem.

Fil-bidu ta' Ġunju ta' din is-sena, iltqajt ma' Pawlu Camilleri Cauchi - wieħed mill-pitturi ewlenin Maltin - imwieled u jgħix f'Għawdex. U miegħi tkellem b'ċerta ħeġġa u entużjażmu dwar dan il-kwadru ta' Isouard. Qalli kif l-istedina tal-President tagħna biex ipitter dan il-personaġġ famuż laqagħha bil-qalb. Mill-ewwel induna li l-isfida ma kinitx żgħira. Jeżistu xi rappreżentazzjonijiet li juru kif kien dal-bniedem u allura mill-ewwel intebaħ li kellu jegħleb id-diffikultà tax-xebħ. Kien hemm ukoll l-epoka Napoleonika li fiha għex Isouard, u minbarra hekk l-ambjent Pariġin li fih eżerċità ħafna mill-ġenju mużikali tiegħu. Hawnhekk, il-pittur spjegali kif kellu jagħmel riċerka bir-reqqa biex l-ilbies li bih jirrappreżenta lil Isouard ikun dak ta' l-epoka, kemm fl-istil, fil-materjal u fit-tifsila.

L-għażla tal-kuluri wkoll kienu studjati tajjeb biex hekk ikun jikkumplimentaw il-figura maestuża tal-kompożitur u bla ma jippreżentawh b'mod bombastiku, jagħtuh il-bixra awtoritarja li tixraqlu bħala bniedem kolt, erudit, u li jaf xi jrid. Fuq wiċċu, imħaddan b'pettinatura pulita stil Franċiż, tidher nofs tbissima serja li tixhed għall-maturità żagħżugħa tiegħu. Il-pultruna fl-isfond fuq ix-xellug tal-kwadru, u l-*harpsicord* u l-vjolinċell huma wkoll fl-istil ta' l-għamara u l-istrumentazzjoni ta' żmienu. Il-mużika miktuba tidher mitfugħa fl-art u tirreferi għax-xogħol miktub u lest, u għalhekk hemm kwantità mhux ħażin imferrxa madwar kaxxetta li fiha forsi kien iżomm l-istrumenti tal-kitba u xi notamenti, waqt li l-mużika li għadha kif bdiet tinkiteb tħares lejna. F'idu l-lemija għandu r-rixa li biha kien jikteb, miżmuma bejn subgħajh twal u rqaq, bħalma jkunu ta' pjanista tajjeb, kif nafu li kien Isouard.



*L-ilbies pariġin napoleoniku ta' l-epoka li fiha għex Nicolò Isouard. Il-kulur ikħal rikk tas-surtun ma' l-isfar dehbi tas-sidrija juri s-soċjetà aristokratika li Isouard għex fiha.*

L-isfond tal-kwadru maqsum primarjament fi tnejn - il-purtiera wara dahru u t-tapit taħt saqajh. Il-purtiera dehbija tad-damask, imberfla bil-frenza ta' l-istess kulur, fiha disinn sfiq, ikkumplikat imma pjaċevoli, mera veristika tal-mużika ta' Nicolò. Dil-purtiera tinsab ikkumplimentata fuq ix-xellug minn żewġt iħbula dehbin b'ġummiena f'kull tarf flimkien mal-weraq miftuħ ta' pjanta mill-isbaħ li titla' minn qasrija moħbija. Iktar 'l isfel, imbagħad, it-tapit, kemmxejn skur, b'tikmixa waħda taħt saqajh jalludi għal ħajja kwieta li għadda mbennen mill-arti mużikali imma wkoll kemmxejn mistur minn għajnejn nies art twelidu.

Id-dawl li jixgħel dil-pittura joħroġ fuq quddiem il-figura dominanti tal-Kompożitur Nicolò Isouard għalkemm grafikament, l-istrumenti fil-kwadru jinsabu iktar qribna minnu. B'għajnejh jixgħelu, b'idejh jiċċaqalqu bil-mod imma b'espressjoni kbira biex jispjegaw aħjar xi jkun qed jgħid, Pawlu l-Pittur spjegali kif dawn id-dettalji rqaq kollha jkunu għaddew minn moħħu bit-tifsira tagħhom meta sab ruħu quddiem it-tila kbira bajda li fuqha hu kien diġà qed jara lill-Isouard lest. U kien propju għalhekk li meta wasal biex newwel il-pittura lesta lill-President tagħna, ħassu sodisfatt li reġgħet ħarġet minn idejh mhux



*Il-purtiera tad-damask fl-isfond donnha tirrifletti l-mużika melodjuża, komplikata imma armonjuża tal-Kompożitur Malti Isouard - (dettall).*



*Id-delikatezza tas-swaba jżommu r-rixa fina u l-bizzilla ntrikata li ddur mal-polz jixhdu għax-xogħol maħsub tajjeb u mirqum tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi - (dettall).*

biss biċċa xogħol oħra artistika li tagħmel ġieħ lilu bħala pittur imma wkoll li dan ix-xogħol tiegħu kien ukoll qed ikabbar il-ġieħ li jistħoqqlu l-Kompożitur ewlieni Malti - Nicolò Isouard. Din tagħna kienet laqgħa qasira u ntensa ħafna ma' Pawlu l-Pittur, imma bħas-soltu, laqgħa li nibqa' ngħożż f'qalbi u f'moħħi għal dejjem.



*Strumenti mużikali u xi partituri li kienu l-għodda ewlenija ta' Nicolò Isouard - (dettall).*

Anke s-Soċjetà tagħna tħossha kburija li mal-kwadri artistiċi tagħha, issa għandha wkoll lill-Isouard ta' Pawlu Camilleri Cauchi - pittur li għamel ġieħ lill-pajjiżna bil-pitturi tiegħu kemm f'Malta u f'Għawdex, kif ukoll 'il barra minn xtutna.





IL-BARMAN U L-FAMILJA TIEGĦU
JIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA
LILL-MOSTIN U L-KLIJENTI KOLLHA

SOĊJETÀ FILARMONIKA
NICOLÒ ISOUARD
MOSTA